# KUNSILL LOKALI LIJA

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941


## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NR 8 – L-ERBGĦA 17 TA' FRAR 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu f'Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| Pubbliku : | Ma kienx hemm pubbliku preżenti |

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

### 1.1 KORREZZJONI

**CITRUS FESTIVAL**

Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, gibed l-attenzjoni biex taht l-item 'Citrus Festival' tizdied ukoll din il-korrezzjoni, illi Dr. Marc Sant ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-proposta tal-Prim Ministru li ic-Citrus Festival isir gewwa Villa Francia. Huwa qal ukoll li Dr. Marc Sant ressaq dan is-suggeriment fuq il-mejda ghax jemmen li b'din il-proposta il-Festival tac-Citru jista' jkollu xoghol akbar.

Il-Vici Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, tat is-suggeriment li ghandu jkun ikkunsidrat, li minbarra Villa Francia hemm ukoll Villa Strickland, il-Pjazza Trasfigurazzjoni fejn jista jinzamm il-Festival tac-Citru.

1.2 Il-Minuti ġew approvati wara dawn il-korrezzjonijieti u ffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.
Ġew ukoll approvati lista ta' pagamenti.

## 2. POLICE PATROL

2.1 Fuq proposta tas-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris, il-Kunsill approva biex jinzamm patrol minn Pulizija fic-Centru Rekreattiv, u Pjazza Trasfigurazzjoni ghat-tlett xhur li gejjin imqassmin darbtejn fil-gimgha, bejn il-Gimgha u s-Sibt u bejn is-Sibt u l-Hadd. Il-hinijiet ghandhom ikunu bejn il-hdax ta' fil-ghaxija u is-saghtejn ta' fil-ghodu.

2.2 Dan iffisser sitt sighat fil-gimgha ghal-tlett xhur.

## 3. BUDGET 2010

3.1 Wara li nzammet il-laqgha ghall-pubbliku nhar il-Hamis 11 ta' Frar 2010. il-kunsilliera iddiskutew il-Budget ghas-Sena Finanzjarja 2010.

3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv, ghamel spjegazzjoni dwar it-tqassim ta' l-allokkazzjoni li tohrog skond it-tabella ta' l-allokkazzjoni finanzjarja li kienet turi l-ammonti allokkati ghal funzjoni tal-Kunsill.

3.3 Skond din it-tabella l-allokkazzjoni li ghandu l-Kunsill ghad-dispozizzjoni tieghu hija maqsuma fuq hames 'items'.

3.4 Il-kunsilliera qablu li ghandu jkun hemm spjegazzjoni aktar dettalljata ta' ezattament x'jaqa taht kull item ta' din il-funzjoni.

3.5 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi hemm skeda illi tat dettall ta' kif il-Gvern Centrali wasal biex qassam l-ammonti skond il-funzjonijiet. Spjegazzjoni dwar dan ghandha tinghata aktar il-quddiem.

## 4. LIJA FOOTBALL CLUB

**4.1** Il-Kunsilliera tkellmu dwar ittra minghand il-Lija Athletics fejn dawn kienu qed jinfurmaw lill-Kunsill biex dawn ipoggu 'container' hdejn il-ground tal-football kif indikat fl-ittra annessa.

4.2 Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni biex jitpogga dan il-container kemm il-darba ikun hemm il-permess mehtieg mill-Awtoritajiet koncernati biex jinhareg dan il-permess.

## 5. ANTENNA – PREZIOSI STREET

5.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia, qalet li kienet qed tistaqsi kemm qed tiswa' sallum l-ispiza tal-Kunsill biex qed jiehu passi legali biex titnehha din l-antenna ghar-raguni li kienet avvicinata minn xi persuni li dawn hasbu li din il-kawza kienet lesta.

5.2 Is-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill li l-kawza kienet ghada ghaddejja kif kien spjegat fil-laqgha precedenti tal-Kunsill.

**5.3** Huwa qal li ghadhom qed jinzammu seduti fil-Qorti kif ukoll inhatar espert biex isir moniteragg ta' l-amissjonijiet minn din l-antenna**.**

5.4 Is-Segretarju Ezekuttiv, ghandu jigbor dettalji dwar l-ispejjes minghand l-Avukat, Dr. Chris Balzan li qed jirraprezenta l-Kunsill fuq din il-kawza biex dawn jitpoggew quddiem il-Kunsill.

## 5. CITRUS FESTIVAL – SAN ANTON

**5.1** Il-Vici Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, filwaqt li irringrazzjat lill kull min ghen biex il-Kunsill ta' Hal Lija jippartecipa fic-Citrus Festival li nzamm fil-Palazz ta' San Anton, infurmat lill-Kunsill li s-sehem tal-Kunsill ta' Hal Lija f'din l-attivita kien success.

**5.2** Hija qalet ukoll li l-'istand' ta'Kunsill ta' Hal Lilja f'din l-attivita irrnexxilu jikkontribwixxi is-somma ta' madwar €540 biex imorru ghal fond ta' ghajnuna ghan-nies ta' Haiti.

### 6. EU FUNDS

**6.1** Wara diskussjoni dwar il-lista ta' suggerimenti li fuqha l-Kunsill ghandu jahdem biex jintalbu fondi mill-Unjoni Ewropea biex isiru dawn il-progetti, il-Kunsill qabel biex tinzamm laqgha ma' ufficcjal mill-MEUSAC biex dan jaghti aktar taghrif dwar kif ghandhom isiru dawn l-applikazzjonijiet.

**6.2** Il-Kunsilliera qablu li din il-laqgha possibilment tinzamm nhar il-Gimgha 26 ta' Frar 2010.

**7. GBIR TA' SKART SEPARAT**

**7.1** Il-Kunsilliera unanimament qablu biex tinzamm laqgha ma raprezentanti miz-zewgt ditti mill-Green Pak u l-Green Mt li ghandhom il-licenzja biex joperaw biex isir il-gbir ta' skart separat biex dawn jispjegaw il-proposti taghhom.

**7.2** Din il-laqgha possibilment ghandha tinzamm nhar il-Gimgha 26 ta' Frar 2010.

8. **ATTIVITAJIET KAZIN BANDA SAN PIO X**

**8.1** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet lista ta' attivitajiet li dawn hargu bhala rizultat mill-laqgha li hija kellha bhala raprezentanta tal-Kunsill ma' l-ghaqdiet tar-Rahal, mal-Kazin tal-Banda San Pio X.

**8.2** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, apprezza dan it-taghrif u qal li filwaqt li jaqbel li jinzammu attivitajiet bil-kollaborazzjoni ta' l-ghaqdiet tar-rahal dawn is-suggerimenti jistghu jigu diskussi aktar il-quddiem.

**8.3** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia, ghamlet suggeriment biex il-kunsill aktar il-quddiem jiddiskuti proposta halli jinxtraw ammont ta' siggijiet biex ikunu jistghu jintuzaw f'diversi attivitajiet kif ukoll l-iskola primarja ta' Hal Lija.

9. **ATTIVITA KULTURALI**

**9.1** Il-Vici Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, issugerit biex tinzamm harga kulturali matul ix-xahar ta' Marzu. Il-kunsilliera qablu ma' dan is-suggeriment u dettalji dwar din l-attivia jinghataw aktar il-quddiem.

**9.2** Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.30p.m.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar il-Gimgha 26 ta' Frar 2009 fil-10.00a.m.

Dr. Ian Castaldi Paris
Sindku

Sur Alfred Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv